

Brussell, 8 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13738/25
ADD 1

ENV 983
AGRI 478

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2025
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D109481/01 - Annex
Suġġett:	ANNESS tad-Direttiva tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE fir-rigward tal-użu ta' ċerti materjali fertilizzanti mid-demel tal-bhejjem

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D109481/01 - Annex.

Mehmuż: D109481/01 - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D109481/01
[...] (2025) XXX draft

ANNEX

ANNESS

tad-

Direttiva tal-Kummissjoni

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE fir-rigward tal-użu ta' ċerti materjali
fertilizzanti mid-demel tal-bhejjem**

ANNESS

Fl-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE, fil-punt 2, it-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, f’ammont li jaqbeż il-170 kg ta’ nitroġenu għal kull ettaru fis-sena kif stabbilit f’dan is-subparagrafu u sa limitu addizzjonali separat ta’ 80 kg ta’ nitroġenu għal kull ettaru fis-sena, l-użu ta’ ċerti materjali fertilizzanti mid-demel tal-bhejjem li jkun għadda mill-ipproċessar, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-komponent tad-demel tal-bhejjem tal-materjal fertilizzanti jkun għadda minn proċess ta’ trattament li jżid il-konċentrazzjoni tan-nitroġenu f’forma minerali, f’nitroġenu tal-urea jew f’nitroġenu magħqud fi kristalli, espressa bħala perċentwal skont il-piż tan-nitroġenu totali meta mqabbel mal-input għall-proċess tat-trattament, li jirriżulta fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(1) melħ tal-ammonijaka (melħ tal-purifikazzjoni), li jirriżulta minn proċess ta’ purifikazzjoni tal-gassijiet jew ta’ kontroll tal-emissjonijiet iddiżinjat biex ineħħi l-ammonijaka mill-effluwenti gassużi;

(2) konċentrat ta’ minerali miksub permezz ta’ osmosi inversa;

(3) melħ tal-fosfat rikk fin-nitroġenu (struvit), preċipitat mid-demel tal-bhejjem;

(ii) il-materjali fertilizzanti jkunu ta’ kwalità konsistenti fil-lottijiet kollha u jkollhom proporzjon ta’ nitroġenu minerali man-nitroġenu totali ta’ mill-inqas 90 % jew proporzjon ta’ karbonju marbut organikament man-nitroġenu totali ta’ mhux aktar minn tlieta, u fiż-żewġ każijiet jiġu aġġustati l-kalkoli għal kwalunkwe nitroġenu derivat minn materjali komponenti li ma joriġinawx mid-demel u li fihom aktar minn 3 % ta’ nitroġenu fuq bażi ta’ materja niexfa;

(iii) il-materjali fertilizzanti ma jaqbżux il-limiti massimi li ġejjin:

- ram (Cu): 300 mg kg⁻¹ ta’ materja niexfa;
- żingu (Zn): 800 mg kg⁻¹ ta’ materja niexfa.

(iv) il-patoġeni fil-materjali fertilizzanti li fihom aktar minn 1 % ta’ karbonju organiku ma jaqbżux il-limiti massimi li ġejjin:

Mikroorganiżmi li għandhom jiġu ttestjati	Pjanijiet tat-teħid tal-kampjuni			Limitu
	n	c	m	M
<i>Salmonella spp.</i>	5	0	0	Nuqqas f’25 g jew 25 ml
<i>Escherichia coli</i> jew <i>enterococci</i>	5	5	0	1 000 f’1 g jew 1 ml

Meta:

n = l-għadd ta’ kampjuni għall-ittestjar;

c = l-għadd ta’ kampjuni meta l-għadd ta’ batterji espress f’unitajiet li jiffurmaw kolonji (CFU, colony forming units) ikun bejn m u M,

m = il-valur limitu għall-għadd ta’ batterji espress f’CFU li jitqies sodisfaċenti,

M = il-valur massimu tal-għadd ta’ batterji espress f’CFU.

(v) l-Istati Membri jimplimentaw standards stretti tal-kwalità biex jiżguraw kontenut konsistenti tan-nutrijenti fil-materjali fertilizzanti fil-lottijiet tal-produzzjoni kollha f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-punt (ii);

(vi) l-Istati Membri jiżguraw li l-materjal fertilizzanti jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni li jkun fiha informazzjoni dwar il-kontenut tan-nitroġenu (N) u tal-fosfati (P_2O_5) meta l-konċentrazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn daww l-elementi taqbeż il-1 % tal-materja niexfa, b'devjazzjoni massima ta' 25 % mill-valur iddikjarat;

(vii) l-Istati Membri jiżguraw li l-popolazzjoni tal-bhejjem u l-produzzjoni tad-demel ma jiżdidux b'riżultat tal-applikazzjoni ta' dan il-punt, (i) fil-livell nazzjonali meta l-kontenut tan-nitroġenu tal-produzzjoni nazzjonali annwali totali tad-demel għal kull ettaru ta' erja agrikola utilizzata (EAU) jaqbeż il-75 % tal-limitu ta' 170 kg N għal kull ettaru stabbilit f'dan is-subparagrafu, u (ii) fil-livell tal-unitajiet territorjali NUTS 2 fejn tingħata l-awtorizzazzjoni, meta l-kontenut tan-nitroġenu tal-produzzjoni annwali totali tad-demel għal kull ettaru ta' EAU f'dawn l-unitajiet territorjali jaqbeż il-75 % tal-limitu ta' 170 kg N għal kull ettaru stabbilit f'dan is-subparagrafu;

(viii) l-Istati Membri jissikkaw il-limitazzjonijiet fuq l-applikazzjoni fuq l-art tal-fertilizzanti (rati ta' fertilizzazzjoni), stabbiliti fil-punt 1, il-paragrafu 3 ta' dan l-Anness, biex iqisu r-riskji akbar tat-telf ta' nitroġenu fl-ilma u fl-arja li jirriżultaw mill-użu ta' materjali fertilizzanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) sa (iv) ta' dan il-punt, filwaqt li japplikaw koeffiċjent ta' ekwivalenza tal-fertilizzanti minerali ta' 1 għal materjali bħal dawn. L-Istati Membri jiżguraw kemm jista' jkun li tinżamm il-kopertura tal-pjanti ħajjin jew ta' miżuri ekwivalenti fuq l-art fejn jiġu applikati materjali fertilizzanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-punti (i) sa (iv) ta' dan il-punt; L-Istati Membri jiżguraw li, meta jkun rilevanti għall-prevenzjoni tat-telf tal-ammonijaka mill-ħamrija agrikola, jittieħdu prekawzzjonijiet xierqa matul l-applikazzjoni fuq l-art tal-materjali fertilizzanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-punti (i) sa (iv) ta' dan il-punt, b'mod partikolari, permezz tal-injettar, l-inkorporazzjoni immedjata ta' materjali applikati fuq is-superfiċje, jew miżuri ekwivalenti.

(ix) L-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipprevjenu sa fejn ikun possibbli l-emissjonijiet, inklużi l-emissjonijiet fl-arja, li jirriżultaw mill-ħżin ta' materjali fertilizzanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fil-punti (i) sa (iv) billi jiddefinixxu kundizzjonijiet u rekwiżiti xierqa ta' ħżin għal materjali bħal dawn;

(x) L-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-użu ta' materjali fertilizzanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) sa (iv) ta' dan il-punt ma jippreġudikax il-kisba tal-oġġettivi ta' din id-Direttiva, tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE¹ u tad-Direttivi 2000/60/KE², 2016/2284³, 2020/2184⁴ u 2008/50/KE⁵ tal-

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.07.1992, p.7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>).

³ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE

Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn il-miżuri tal-programm ta' azzjoni jkunu rilevanti għal dawk id-Direttivi. L-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipprevjenu effetti negattivi fiż-żoni ta' Natura 2000 u madwarhom, u fil-viċinanza taż-żoni tal-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2020/2184, rispettivament.

Meta l-Istati Membri japplikaw dan il-punt tat-tieni subparagrafu huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan. Barra minn hekk, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10, huma għandhom jirrapportaw dwar l-applikazzjoni tiegħu, inkluża data annwali dwar l-ammont ta' materjali prodotti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) sa (iv) ta' dan il-punt u dwar id-densità tal-bhejjem u l-produzzjoni tad-demel fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-unitajiet territorjali NUTS 2 kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.”.

u li tassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2284/oj>).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/2184/oj>).

⁵ Id-Direttiva tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent u kif emendata fl-2024. Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1–44).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj>).